KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 71

Il-wieħed u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier (online) |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (online) |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:30pm:*

71.1 *Qari tal-ittri ta' apoloġiji ;*
71.2 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 70;*
71.3 *Komunikazzjoni mis-Sindku;*
71.4 *Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
71.5 *Rapporti*
71.6 *Staff Performance Appraisal*
71.7 *Zebra Crossing – Old College Street*
71.8 *Items Oħra ;*
71.9 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
71.10 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
71.11 *Mozzjonijiet ;*
71.12 *Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 71.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

71.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsillier John Dougall u l-Kunsilliera Ilona Fenech. Kien hemm qbil fuq ir-raġunijiet għalfejn ma kienux preżenti.

## 71.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 70

71.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 70 għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 70*

71.2.2 Ma kien hemm l-ebda kunsiderazzjonijiet jew korrezzjonijiet tal-minuti tal-laqgħa preċedenti. *Korrezzjonijiet*

**Il-Kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier E Borg.**

## 71.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

71.3.1 Is-Sindku qal li ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

Pero' saqsa lill-Aġent Seg. Eżek sabiex jikkumenta fuq kommunikazzjoni li kien bagħat lil Perit tal-Infrastructure Malta responsabbli mill-proġett ta' High Street, fejn saqsa għal garanzija dwar is-siġra u l-bir/ġibjun ta' l-ilma li hemm biswit l-iskavar li qed isir f'din iż-żona. L-Aġent Seg Ezek. qal li s'issa l-Kunsill ma jrċieva l-ebda garanzija bil-miktub.

*Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex issir preżentazzjoni mill-accountants tal-Kunsill dwar il-baġit tas-sena 2024.*

**Il-Kunsillier E. Borg ippropona li l-baġit jiġi approvat, l-Kunsillier T. Galea issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti.**

**Il-Viċi Sindku daħal għall-laqgħa fis-6:34pm**

71.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

71.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

71.5 **RAPPORTI**

71.5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn Diċembru sax-xahar ta' Jannar. *Contracts manager*

71.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li f'Jannar saru laqgħat mal-contracts manager u mall-kuntratturi tal-landscaping kif ukoll ma tal-latrini pubbliċi..

71.6 **STAFF PERFORMANCE APPRAISAL**

71.6.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill 10% performance bonus ta' l-Aġent Seg. Eżek. għas-sena 2023 pro rata minn nofs Novembru sa l-aħħar ta' Diċembru ta' l-istess sena.

Il-Kunsill approva il-*performance appraisal* unanimament.

71.6.2 L-Aġent Seg. Eżek. ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill 6% performance bonus għall-impjegati kollha tal-kunsill lokali għas-sena 2023.

Il-Kunsill approva il-*performance appraisal* unanimament.

71.7 **Zebra Crossing – Old College Street**

71.7.1 Il-Kunsillier D Muscat ressaq ilmenti ta' bosta residenti li jgħixu fl-akwati ta' triq il-Kulleġġ l-Antik u saqsa meta se ssir *zebra crossing* f'parti ta' din it-triq.

Is-Sindku qal li ser isaqsi għal permess b'urġenza mit-TM biex isir dan ix-xogħol. Pero' qal li dan jista' jsir biss wara li jitlesta' l-proġett ta' High Street, sabiex hekk ma jkollniex għalfejn isir iktar devjar ta' traffiku.

**71.8**

**71.8.1** Is-Sindku qal ukoll li quddiem Fatima House, fi Triq il-Kbira, hemm permess li jsiri *zebra crossing* u li dan għandu isir meta jitlesta l-proġett ta' High Street.

**Il-Kunsillier D Muscat ġie skużat u telgħaq mill-laqgħa fis-7:44pm**

**ITEMS OĦRA**

**71.8.2** Il-Kunsillier K Wain, saqsa jekk il-kunsill kien jaf li fi Ġnien Indipendenza tneħħew xi siġar. *Siġar*

Is-Sindku wieġeb illi dawn is-siġar kienu ilhom mejta għal żmien twil u li ġew ordnati siġar oħra li ser jitħawwlu f'din iż-żona.

**71.8.3** Is-Sindku qal li fejn kien hemm l-Astra Hotel, hemm tower crane kbir li fi tmiem il-Ġimgħa bil-permess tal-kunsill u dak tat-TM dan ser jiżżarma u jitpoġġa fuq il-platform quddiem il-Preluna Hotel. Saru l-arranġamenti kollha sabiex dan ix-xogħol ma jtellifx l-andament tat-traffiku. *Kostruzzjoni*

Is-Sindku tkellem dwar kif il-kunsill kien ilu għaddej bil-korrispondenza mat-TM rigward ir-rotot ġodda tal-linja li kellhom jiġu mplimentati minħabba l-proġett ta' High Street. Qal li sfortunatament il-Malta Public Transport damu ħafna biex jagħtu l-informazzjoni u li xi resident gergru u bir-raġun dwar dan. *Rotot tal-Linja*

**71.8.4** L-A. Seg. Eżek. qal li irċieva korrispondenza mis-Soċjeta' Mużikali Banda Sliema rigward talba għall-għajnuna finanzjarja għal serata dedikata lis-Sur Ronald Pisani f'għeluq l-ewwel sena minn mewtu. Din it-talba ġiet diskussa u l-kunsill iddeċieda li ma jgħattix ebda għajnuna finanzjarja fuq bażi li jista' jinħoloq preċedent għall-attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati minn każini tal-baned oħra fil-lokalita'. *Korrispondenza Soċ. Mużikali Banda Sliema*

Il-Kunsillier A. Galea ippropona li jinħoloq fond għal dawn it-tip ta' talbiet, fejn dawn l-istess talbiet jiġu diskussi fil-kumitat tal-finanzi

Kien hemm qbil mill-kunsilliera dwar dan.

71.8.5 Il-Viċi Sindku qal li l-kunsill għandu jikteb lil kull Soċjeta' Mużikali li ramaw quddiem il-knejjes rispettivi tagħhom fejn ninfurmawhom li avolja ġew innutati ċertu nuqqasijiet fl-armar, din is-sena xorta se jsir il-ħlas dovut, pero' minn din is-sena, f'kas li jkun hemm nuqqasijiet, ma jsirx il-ħlas. *Armar tal-Milied Parroċċi*

71.8.6 Il-Kunsilliera V Galea Pace resqet talba għal ħarġiet ta' l-anzjani. Talbet li jkun allokazzjoni ta' baġit ta' EUR1,000 għal erba' attivitajiet li ser jiġu organizzati mix-xahar ta' Frar sax-xahar ta' April. *Ħarġiet għall-anzjani*

Il-Kunsill approva din l-allokazzjoni unanimament.

**Il-Kunsillier P Radmilli ġie skużat mis-seduta fit-8:31pm**

71.8.7 L-A. Seg. Eżek. qal li kull l-aħħar ġimgħa tax-xahar ser jibda jagħmel laqgħa għall-impjegati *Impjegati tal-kunsill*

71.8.8 L-A. Seg. Eżek. qal li saret laqgħa tal-finance committee u f'din il-laqgħa kien deċiż li l-kunsillier A Galea jkun iċ-Chairperson għal dan il-kumitat. *Finance Committee*

71.8.9 L-A. Seg. Eżek. ippropona li fit-16 ta' Frar issir il-laqgħa għar-residenti kollha > Locality Meeting. Kien hemm qbil dwar dan. *Locality Meeting*

71.8.10 Il-Kunsillier D Soler saqsa jekk ġiet deċiża data meta l-kunsill se jiltaqa' ma' l-Għaqda Residenti Slimiżi. *Għaqda residenti Slimiżi*
Is-Sindku qal li diġa' qiegħed f'komunikazzjoni mar-rappreżentanti ta' din l-għaqda sabiex jifthemu fuq data. Qal ukoll li jekk iridu dawn jistgħu jattendu l-*Locality Meeting* li ser issir fi Frar.

71.8.11 Il-Viċi Sindku ippropona li għal festi ta' l-Għid fuq il-*promenade* u f'Pjazza Sant' Anna jixtieq li jintramaw slaleb apposta għgal dawn il-festi. Il-Viċi Sindku se jressaq tlett stimi biex jintgħażel l-aħjar prezz għall-armar u zarmar ta' dawn is-slaleb. Ippropona ukoll li l-kunsill iħallas l-istampar għal fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa bl-attivitajiet organizzati mill-Parroċċi. Kien hemm qbil dwar dan. *Festi ta' l-Għid il-Kbir*

Il-Kunsilliera V Galea Pace issuġġerit li jintrama salib kbir fil-pjazza quddiem il-bank HSBC f'Triq it-Torri.
Ma kienx hemm qbil dwar dan.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-proġett tan-niċeċ. Hu qal li minn 15-il waħda, hemm niċċa li għadu għaddej ix-xogħol fuqu. Hemm tlieta oħra ser jerġa' jsir xogħol fuqhom, ħabba nuqqas li kien hemm mir-restawratur. Hu talab li trid tintbgħat ittra mill-kunsill lir-residenti li għandhom niċeċ mal-faċċata ta' darhom, sabiex dawn ma jwaħħlu l-ebda oġġett magħhom u ma jitmissux għal perijodu ta' ħames snin. Il-Viċi Sindku kellu jkellem il-Perit dwar dan.

Il-Viċi Sindku qal li xtaq li n-niċeċ ikollhom il-fanali, pero' biex isir dan staqsa jekk il-kunsill jista' japplika għal permess mingħand l-Enemalta.

Is-Sindku qal li ser jara kif ikellem lill-Ministru dwar dan.

Il-Viċi Sindku qal li sal-laqgħa li jmiss ser ikollu stima ta' madwar EUR5,000 biex jaraw li jintramaw l-aċċessorji varji għal dawn l-istatwi.

**Kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla mid-9:30pm**

## 71.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

72.7.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 71.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

71.10.1 (Numru 41) Is-Sindku qed ippropona li l-van li ilu jinkera għal dawn l-aħħar tlett snin li jintuża mill-ħaddiema tal-kunsill, ma jibqgħax jinkera u l-kuntratt tal-kera jieqaf minn l-aħħar ta' dan ix-xahar (Jannar). Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn jinxtara' van *second hand* għall-użu tal-ħaddiema tagħna. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**Il-Kunsillier W Vella Baldacchino ġie skużat mill-laqgħa u telgħaq fl-10pm.**

71.10.2 (Numru 48) Is-Sindku ippropona li dan il-pagament jiġi miżmum u ma jitħallas, peress li l-kuntrattur ma kienx *compliant* ma dak li kien ġie miftihem fil-laqgħa li kienet saret aktar kmieni dan ix-xahar.

71.10.3 (Numru 95) Is-Sindku talab biex jinżam il-pagament tad-dawl tal-Milied sakemm jiġi studjat id-dettalji tac-CFQ u naraw fejn kellu jintrama d-dawl u fejn effetivament fliema toroq sar dan ix-xogħol u fejn ma sarx.

71.10.4 Kien hemm qbil li l-van li qeed jinkera minn Burmarrad Commercials li jintuża mill-ħaddiema tal-kunsill jiġi rrtornat sa l-aħħar ta' Jannar. Kien hemm qbil dwar dan.

**Il-Kunsillier W V Baldacchino telaq mill-laqgħa fid-9:07pm.**

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
Il-kunsillier D Soler issekonda.

Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.

**70.9 MOZZJONIJIET**

70.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-seduta ntemmet fil-10:00pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar il-21 ta' Jannar, 2024, fis-6pm.

Minuti approvati llum 24 ta' Jannar 2024

(IFFIRMATA)

**John Pillow**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Pierre P Portelli**

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**